MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Numru. 3/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Ferdinand Portelli bin Anton u Maria nee' Camilleri, imwieled fil-25 ta' Settembru, 1980 u residenti Raindrops,
Triq Borg Gheritu, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 492780(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Ferdinand Portelli li gie akkuzat talli bejn 23:58 hrs tat-18.11.2006 u 01:15 hrs tad-19.11.2006 bhala l-persuna illi f'ismu ghandu licenzja sabiex jiggestixxi l-'Café Café' Bar' li jinsab fi Triq taht Putirjal, Rabat, Ghawdex:

1) Daqq muzika rekordjata fil-hanut tieghu bi ksur tar-regolament 38(1)(a) tal-Avviz Legali 1/2006;
2) U talli naqas li jhares xi kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonjiet li ghalihom hija soggetta l-licenzja mahruga lilu mill-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta billi dejjaq lil gara tieghu Giorgia Grech permezz tad-daqq ta' muzika u hsejjes ohra (Art 45(1)(a) Kap 409);

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti rrizulta ampjament ippruvat illi l-imputat kien qieghed idoqq muzika gewwa l-istabbiliment tieghu wara l-hdax ta' filghaxija (11:00p.m.) minghajr ma kellu licenzja u tali muzika kienet qed iddejjaq lill-gara tieghu Giorgia Grech li xehdet quddiem il-Qorti rigward l-inkonvenjent lilha kkagunat;

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 38(1)(a) tal-Avviz Legali 1/2006 u l-Artikolu 45(1)(a) tal-Kapitolu 409 issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda bl-assorbiment tal-ewwel (1) imputazzjoni fit-tieni (2) akkuza, tikkundannah multa ta' elf mija u hamsa u sittin ewro (€1165).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------